MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 360/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Domenic Micallef)**
**(Maggur Saviour Garcia)**
**Vs**

**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda maghmulin b'rizoluzzjoni wahda mill-24 t'Ottubru, 2000 sal-31 ta' Jannar, 2006, naqas li jaghti l-manteniment lil martu Marcon Vella ghaliha w ghal uliedha fis-somma globali ta' LM 16, 380 u dana kollu bi ksur tal-artikolu 18 u 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civil ital-24 t'Ottubru, 2000 kif ukoll naqas li jaghti lill-martu l-manteniment mill-31 ta' Jannar, 2006 sal-lum, u dan bi ksur tas-sentenza tal-Qorti

Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Jannar, 2006 fl-ismijiet Marcon Vella vs Brian Vella (Citaz. Nru. 111/2001 RCP).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u ghaldaqstant illiberatu minnha izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u ghaldaqstant ikkundannatu ghal xahar (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tat-8 t'Ottubru, 2007 billi tikkonfermaha fejn illiberatu w tirrevoka fejn sabitu hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni, u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija, w f'kull kaz tirriduci l-piena inflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe:-

Li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghax skond l-artikolu 338(z) il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-imputat appellant kien ordnat minn xi qorti li jaghti lill-martu is-**somma iffissata** mill-Qorti bhala manteniment fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jkollha tithallas **dik is-somma.** Hu evidenti li l-Qorti Civili ma ffissat ebda somma specifika li l-appellant kellu jhallas lill-martu izda ghazlet li tassoggetta d-dritt ghall-manteniment fuq l-introjtu ta' l-esponent. Il-kwerelanti xehdet li ma tafx x' inhu l-introjtu tal-appellant u ghalhekk din il-prova ma saritx. Inoltre l-ordni tal-Qorti ma kienetx indirizzata lill-appellant personalment izda l-kwerelanti kellha tinnotifika hi lill-employer/socji ta' zewgha w kellhom

ikunu dawn li mill-introjti tal-appellant, jekk ikollu, ihallsu hamsin fil-mija lill-kwerelanti. Ghalhekk ma setax jigi argumentat li l-appellant naqas li jobdi l-ordni tal-Qorti. Illi finalment il-piena erogata ma kienetx indikata meta wiehed iqis ic-cirkostanzi tal-kaz .

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Li l-uniku xhud f' din il-kawza kienet mart l-appellant **Marcon Vella**. Meta din xehdet quddiem din il-Qorti u giet mistoqsija jekk zewgha jahdimx wiegbet *"Suppost li jahdem." u "Sa fejn naf jien ma missieru naf li kien jahdem qabel……tal-Grazzja Garage fuq karozzi."* u *"Illum ma nafx; m' ahniex flimkien."* "*Naf li jattendi ghax-xoghol ma' missieru." "Ma nafx jekk hu hux qed ikun ghax-xoghol, jekk ghandux paga jew x' ghandu. Ghax dan ma missieru jahdem."*

Kompliet tixehed fost hwejjeg ohra li t-tfal li llum ser jaghalqu tmintax il-sena, ilhom hames snin jghixu ma omm l-appellant, fejn jghix hu ukoll. Hi xorta tara t-tfal kulljum pero'. Hi tghix ma ommha w ghandha "*boyfriend*" Meta t-tfal ikollhom bzonn xi haga bhal tobba, dentist, medicina w hwejjeg, xorta hi thallas. Din l-ahhar sena t-tfal qabdu jahdmu. Hi tahdem bhala *merchandiser* f' supermarket, tistiva x-xoghol..

Ikkonsidrat;

Illi dan il-kaz jipprezenta fattispecji mhux tas-soltu. Dan ghaliex fil-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Jannar, 2006, (fols. 14 sa 28 tal-process) meta l-Qorti giet biex tilqa' t-talba ghall-hlas tal-manteniment lill-parte civili (l-attrici) ghaliha u

ghall-uliedha, probabbilment rinfaccjata b' nuqqas ta' dettalji dwar il-qliegh tal-appellant, iddecidiet hekk :-

*"Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha w ghall-imsemmija wliedha minuri r-rata ta' hamsin fil-mija (50%) ta' l-introjtu kollu tieghu mill-impieg attwali tieghu, u dan kemm bhala manteniment ghaliha (nofs l-istess persentagg hawn indikat) u kemm bhala manteniment ghal uliedu minuri (n-nofs l-iehor tal-persentagg hawn indikat) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici."*

u kompliet tghid :-

*"Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' l-istess sentenza lill-employer tal-konvenut jew is-socji mieghu fl-istess xoghol u azjenda, sabiex tali persentagg tal-manteniment jinqata' direttament mill-paga u l-introjtu tal-konvenut u jintbaghat lilha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha minuri b' effett mid-data ta' din is-sentenza."*

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, kif emendat ripetutament f' dawn l-ahhar hamsa w ghoxrin sena, jaghmel reat kontravvenzjonali il-fatt li wiehed jonqos li jaghti lill-konjugi *"is-**somma iffisata** minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt."* U, aktar l-isfel, jerga jsemmi li r-reat jiskatta meta dak li jkun jonqos li jhallas *"fi zmien hmistax il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik **is-somma**."*

Issa f' dan il-kaz, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bis-sentenza appena citata ma iffissat ebda somma, ovvjament ghaliex x' aktarx ma rrizultalhiex - kif del resto ma rrizultax lanqas lil din il-Qorti - l-introjtu - jekk jezisti- tal-appellant. L-ammont talvolta dovut lill-mart l-appellant ghalhekk kien jiddependi minn kalkolu matematiku li seta' jsir biss wara li jigi determinat jekk fil-periodu imsemmi fit-tieni imputazzjoni l-appellant kienx qed jahdem bi qliegh u, jekk iva, kemm kien l-introjtu tieghu fil-periodu rilevanti. Hu

biss wara li jsir dan li din il-Qorti ta' kompetenza penali tista' ssib htija ta' dan ir-reat.

Din il-prova f' dan il-kaz baqghet ma saritx ghax il-parte civle, minkejja d-domandi li sarulha minn din il-Qorti w mill-Avukati, la setghet tghid fiz-zgur jekk fiz-zmien rilevanti zewgha kienx qed jahdem bi qliegh u, inqas u inqas, kemm kien dan il-qliegh li mbaghad fuqu tista' tigi komputata s-somma talvolta dovuta lilha bhala **"somma iffissata"** ghall-manteniment.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jidher fondat u qed jigi akkolt u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

In vista ta' din il-konkluzzjoni ma hux il-kaz li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-aggravji l-ohra tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkunndannatu ghal xahar detenzjoni, w minnflok tilliberah minn din l-imputazzjoni w mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------